# IT-TIENI PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KUMMERĊJALI

**25 ta' Jannar, 1985**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Michael Saliba għan-nom u in rappresentanza tal-korporazzjoni TeleMalta, u b'nota ppreżentata fid-19 ta' Mejju, 1983, fl-udjenza Frans Carbone fil-kwalità tiegħu ta' *Chairman* u għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumpanija TeleMalta assuma l-atti, u b'nota oħra tal-11 ta'Jannar, 1985, Maurice Mifsud Bonnici, bħala *Chairman* tal-Korporazzjoni TeleMalta, assuma l-atti minnflok Frans Carbone

*versus*

Henry Azzopardi

**Deċiżjoni - Sentenza - Nullità ta' - Eċċezzjoni - Inkompetenza - Art. 799 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Giet proposta u rtirata eċċezzjoni ta' inkompetenza ta' l-ewwel Qorti "qua" Qorti tal-Kummerċ. L-ewwel Qorti tat deċiżjoni fuq eċċezzjoni li ma kinitx għadha teżisti mingħajr ma ssollevat hija stess kif kellha l-poter li tagħmel l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza.*

*Giet għalhekk iddikjarata nulla u bla effett id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti u l-Atti rrinvijati quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-Liġi.*

Il-Qorti: -

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ li permezz tagħha l-attur fil-kwalità tiegħu premessa, wara li ppremetta illi skond *agreement* minnu sottoskritt u skond ir-regolamenti viġenti, il-konvenut huwa debitur lejn il-Korporazzjoni TeleMalta fl-ammont ta' Lm1,113.69,0 (elf mija u tlettax-il lira u disgħa u sittin ċenteżmu) għall-kiri tas-servizz telefoniku, għal telefonati, mill-*Overseas Telephone Bookings*, u għall-*barring* ta' faċilitajiet telefoniċi biex iċċempel għall-esteru direttament relattivament għall-post numru 4, St. Joseph Flats, St. Luke's Road, Gwardamangia, bin-numru 22330; u illi l-istess konvenut naqas li jħallas l-ammont minnu dovut għalkemm interpellat uffiċjalment; talab lil dik il-Qorti tikkundanna lill-imsemmi konvenut iħallas lilu, attur *nomine*, bl-imgħax legali mit-3 ta' April, 1980, l-ammont ta' Lm1,113.69,0 (elf mija u tlettax-il lira u disgħa u sittin ċenteżmu) minnu dovut kif fuq imsemmi għall-kiri ta' servizz telefoniku, għal telefonati mill-*Overseas Telephone* u għall-*barring*, bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' ittra uffiċjali ddatata l-1 ta' April, 1980, u bl-inġunzjoni lill-konvenut biex jidher għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa (i) fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' dik il-Qorti *ratione materiae* billi l-kawża tirrigwarda ħlas ta' kontijiet ta' *telephone* minn dar privata, u (ii) illi huwa ma għandu jagħti xejn lill-attur *nomine*, billi l-fond *de quo* kien mikri lil ħaddieħor;

Rat id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti tat-3 ta' April, 1984 li permess tagħha dik l-istess Qorti laqgħat l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut u ddikjarat lilha n-nifisha inkompetenti li tieħu

konjizzjoni u tiddeċidi din il-kawża *ratione materiae* , u *ai termini* ta' l-artikolu 779 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ordnat li l-proċess jintbgħat lil din il-Qorti *tramite* r-Registratur fiż-żmien li trid il-liġi;

Rat a fol. 26 il-verbal dwar l-introduzzjoni ta' l-atti f'din il-Qorti;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat: -

Illi l-artikolu 779(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jibda bil-kliem: "Meta f'xi waħda mill-Qrati Superjuri ta' l-ewwel grad, il-kwistjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti, minħabba x-xorta ta' l-oġġett fil-kawża, tinġieb 'il quddiem mill-Qorti '*ex officio*', jew bil-mezz ta' eċċezzjoni".... u jispiċċa biex jistabbilixxi li allura, f'każ bħal dan, jekk il-Qorti tiddikjara ruħha inkompetenti tordna li l-attijiet tal-kawża jintbagħtu fi żmien sebat ijiem tax-xogħol, permezz tar-Reġistratur, lil din il-Qorti, biex tiddeċidi definitivament liema hija l-Qorti kompetenti;

Dan ifisser illi biex din il-Qorti tiddeċidi definitavment, f'każijiet simili, liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża neċessarjament irid ikollha quddiemha deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel istanza li biha dik il-Qorti tkun iddikjarat ruħha inkompetenti *ratione materiae*, jew fuq inizjattiva tagħha stess, jew inkella fuq eċċezzjoni tal-konvenut;

Fil-każ in eżami, kif jidher mill-verbal tas-26 ta' Ottubru, 1982, a fol. 16 tal-proċess, l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ġiet

irtirata, u allura l-ewwel Qorti ma kienx għad fadlilha din l-eċċezzjoni x'tiddeċidi;

*Nonostante* l-fatt li l-eċċezzjoni ġiet irtirata, l-ewwel Qorti setgħet ovvjament tissolleva l-kwistjoni ta' l-inkompetenza tagħha *ex officio*, iżda dan il-Qorti ma għamlitux, imma, għall-kuntrarju, iddeċidiet l-eċċezzjoni li kienet ġiet irtirata. Infatti d-deċizjoni appellata tgħid espressament li dik il-Qorti kient qiegħda "taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut;"

Fi kliem ieħor bid-deċiżjoni msemmija ġiet maqtugħha eċċezzjoni li ma kinitx għadha teżisti u li l-anqas ma ġiet issollevata *ex officio* mill-Qorti li ppronunzjatha;

Dan ovvjament ma jistax iwassal ħlief għan-nullità tad-deċizjoni in eżami, għax hija deċizjoni dwar eċċezzjoni ineżistenti u li l-anqas ma ġiet issollevata mill-Qorti li kellha l-fakoltà tissollevaha *ex officio;*

Għall-dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiddikjara nulla u bla effett l-imsemmija deċiżjoni tat-3 ta' April, 1984, fl-ismijiet premessi, u tordna li l-atti tal-kawża jintbagħtu lill-Onorabbili Qorti tal-Kummerċ għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.